2025/2381

24.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2381

tat-13 ta' Novembru 2025

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-emendar tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 ([1]) (il-"Ftehim").

(2) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tieħu sehem fin-negozjati li ġejjin li se jsiru fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (il-"Kunsill tal-Membri") biex jemendaw il-Ftehim, meta titqies l-importanza ta' dak is-settur għall-ekonomija tal-Unjoni. Il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim jenħtieġ li jiġi aġġornat, b'mod partikolari fir-rigward ta' għud mill-objettivi tiegħu, il-proċedura biex jitħallsu l-kontribuzzjonijiet tal-Membri u l-proċedura biex jiġu adottati l-emendi tal-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 32 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri jista' jadotta deċiżjonijiet li jemendaw il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tieħu sehem fin-negozjati biex jiġi emendat il-Ftehim dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015.

2. In-negozjati għandhom jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi (PROBA).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

S. LOSE

([1]) ĠU L 293, 28.10.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2016/1892/oj.